**14 ta' Ottubru**

**Tifkira ta'**

S. KALLISTU I, PAPA U MARTRI

Jingħad li kien ilsir; wara li kiseb il-ħelsien, ġie ordnat djaknu mill-Papa Żefirinu, u mbagħad laħaq warajh. Tħabat kontra l-eretiċi Adozzjonisti u Modalisti. Ħa l-martirju fis-sena 222 u difnuh fit-triq Aurelia.

Mill-Komun tal-martri... jew tar-rgħajja tal-erwieħ...

Talba

Fil-ħniena tiegħek, Mulej, isma' t-talb tal-poplu tiegħek u agħtina l-għajnuna, għall-merti tal-Papa San Kallistu, li llum qegħdin infakkru l-martirju tiegħu. B'Ibnek.